# Il-Kulleġġ tal-Għalliema f'San Ġiljan

*Kemm il-Kulleġġ tal-Għalliema tan-nisa kif ukoll dak tal-irġiel jafu l-bidu tagħhom f'San Ġiljan. Dak tan-nisa twieled fil-kunvent tas-*Sacred Heart*, u dwar dan tkellimna sentejn ilu. F'dan l-artiklu Brother Emmanuel Sciberras jikteb dwar dak tal-irġiel li twieled fil-Bajja ta' San Ġorġ, imbagħad kompla kiber u żviluppa fuq l-għolja Ta' Ġiorni. Il-bini tas-*St. Michael's College *għadu hemm sal-lum.*

*jikteb Brother Emmanuel Sciberras*



Sewwa sew l-istorja bdiet qabel l-1947, is-sena meta nfetaħ il-kulleġġ fil-Bajja ta' San Ġorġ, ġo *Villa Pembroke*. Kemm għax kien hemm xi rġiel Maltin li għamlu taħriġ l-Ingilterra anke mill-1881 'l hawn u kemm għax fl-1945 beda kors għall-irġiel f'Malta. La qegħdin nitkellmu dwar ir-rabta tal-kulleġġ ma' San Ġiljan, tajjeb li niftakru li s-sorijiet tas-*Sacred Heart* bdew kors għax-xebbiet fl-1944 f'San Ġiljan, fil-kunvent tagħhom.

Dawn il-korsijiet fil-bidu ma kienux ta' sena jew sentejn, kif saru wara, imma t-taħriġ beda bis-serjeta'. Il-ħtieġa kibret għax matul it-Tieni Gwerra ma sarx taħriġ billi l-irġiel inġabru bil-lieva u n-nisa kienu ftit wisq li għamlu l-kors tas-sekondarja biex ikunu jistgħu jservu ta' *emergency teachers*. Insomma l-gwerra kienet sfrattat l-edukazzjoni fl-iskejjel u kien wasal il-waqt li npattu għaż-żmien mitluf.

Fid-19 ta' Settembru 1947 waslu 34 student minn Malta u Għawdex fil-Bajja ta' San Ġorġ biex jibdew kors ta' sena. Ta' min isemmi li qabilhom kienu waslu t-tliet Brothers (magħruf f'Malta bħala *Freres*) mill-Ingilterra biex jgħixu u jgħallmu ġo *Villa Pembroke*. Sa mill-bidu l-kulleġġ issemma għal San Mikiel, biex ikun imfakkar l-Arċisqof Mikiel Gonzi li tant kien ħadem biex jinbeda t-taħriġ għall-ġid tat-tfal Maltin u li jingħata b'ispirazzjoni Nisranija.

***Ritratt tal-grupp ta'* emergency teachers**



Sadanittant beda l-ippjanar ta' żewġ kulleġġi ġodda: *St Michael's* kellu jibqa' f'San Ġiljan, fuq l-għolja Ta' Ġiorni, u tax-xebbiet inbena fuq l-għolja tal-Virtu, ir-Rabat. Iż-żewġ kulleġġi, sbieħ u moderni, infetħu sena wara xulxin, tax-xebbiet fl-1954 u tal-ġuvintur fl-1955. F'*St Michael's* irdoppja n-numru ta' studenti, mhux biss għax kiber l-ispazju, imma ukoll għax kibret il-ħtieġa. Barra mit-taħriġ ta' għalliema ġodda, bdew isiru korsijiet għall-għalliema, hekk imsejħa, *emergency teachers*, li kien għad ma kellhomx opportunita' li jitħarrġu.

Fl-1956 il-Kulleġġ ta' *St Michael's* sar reżidenzjali, u issa seta' jilqa' l-istudenti kollha li kienu jlaħħqu t-tletin – kull wieħed bil-kamra tiegħu. Din il-bidla għamlet differenza tinħass għax l-istudenti rebħu l-

ħin tal-ivvjaġġar u twalu s-sigħat li jgħixu flimkien, kotru l-attivitajiet bħal drama, mużika, *sports, debating*, li kienu jtellgħu flimkien, u saru aktar indipendenti għax ma baqgħux minorenni. Mhux ta' min jinsa li għadd ta' studenti kienu ġa' miżżewġin u oħrajn għarajjes. Kibret bejniethom ħbiberija ta' rġiel li saru jafu 'l xulxin sewwa u tgħallmu ħafna minn xulxin.

Minkejja xi kanzunetta ċajtiera bħal 'San Mikiel kemm ġegħilna nbatu', l-istudenti kienu japprezzaw il-fatt li setgħu jgħixu f'ambjent wiesa', li jilqgħek, u fejn wieħed seta' jiżviluppa t-talenti tiegħu. Sinjal li l-kulleġġ kien apprezzat huwa l-fatt li għadd ta' studenti żżewġu fil-kappella tal-kulleġġ. Ma semmejtx li r-Rev. Patri Ċelestin Portelli OSA kien sa mill-bidunett il-kappillan tal-istudenti u kien iqaddes hemm kuljum. B'hekk flimkien mat-taħriġ akkademiku u professjonali, l-istudenti setgħu jikkultivaw il-ħajja Nisranija tagħhom. Anke fid-*dances* għal bosta snin kellna d-drawwa li l-istudenti jtellgħu l-*partners* tagħhom jinvistaw il-kappella. Is-sena kienet tagħlaq b'irtir u l-irtir bil-pellegrinaġġ bil-mixi fl-erbgħa ta' fil-għodu lejn il-Madonna tal-Mellieħa.



*Xena mid-drama 'The Taming of the Shrew' imtella' mill-istudenti tas-* **St Michael's Training College**



Milli jidher il-Ġiljaniżi laqgħu tajjeb, lil madwar 130 student li ġew fosthom tul 25 sena, minn tant bliet u rħula f'Malta u Għawdex. Kull sena parti mit-taħriġ ta' għalliem tajjeb kien isir il-baħar! Kienu Brother Ralph u Brother Peter li kienu jorganizzaw il-kors tal-*life-saving* f'xi parti ta' San Ġiljan jew San Ġorġ. F'xi snin kienet issir kompetizzjoni bejn l-istudenti-għalliema u l-Pulizija u s-servizzi Ingliżi, min itella' l-aktar punti.

Jiena semmejt waħda mill-attivitajiet. Imma ta' min wieħed isemmi oħrajn ta' bixra kulturali bħalma kienet id-drama, b'xi dramm ta' Shakespeare u drammi oħra żgħar, sakemm daħlet id-drawwa li flok dramm isir *musical* jew *operetta*, bħal *Die Fledermaus* jew *Orpheus in the Underworld*. Dawn kienu mmexxijin minn Mro J. Vella. Dawn qajmu entużjażmu kbir fost l-istudenti. B'kollox, fl-ewwel tmien snin ittellgħu 21 dramm ta' att wieħed, fis-17-il sena ta' warajhom, bejn drammi kbar bħal *Othello, The Diary of Anne Frank* u operetti, ittellgħu 14 u xi 16 oħrajn aktar qosra.

Kull sena l-parti soċjali ma kinitx minsija, għax



*Brother Emmanuel tana aċċess għall-minjiera sħiħa ta' ritratti. Ħasra li hawn stajna nġibu ftit biss. Dan hu wieħed mir-ritratti ta' gruppi ta' studenti li jidhru mal-Brothers u mal-Gvernatur Dorman u s-Sinjura tiegħu.*



***Ritratt ta' grupp ta' studenti tal-kulleġġ wara waħda mill-operetti tagħhom.***

kienu jsiru tliet *dances*; wieħed minnhom dak tal-gradwazzjoni. Sena minnhom kien mistieden il-Kummissarju Għoli Awstraljan li kien joqgħod biswit il-kulleġġ. Tant kien impressjonat bl-organizazzjoni, l-eleganza u l-imġiba tal-istudenti li għamel dan il-kumment, "Ibagħtuli dawn iż-żgħażagħ għada għall-*medical* (eżami mediku) u minnufih nagħtihom iċ-ċertifikat biex isiefru lejn l-Awstralja." Imn'alla ma semgħux il-Ministru jew id-Direttur!

Barra minn dak li għidna qatt ma waqfet il-ħidma professjonali u akkademika. L-istudenti kienu jitgħallmu l-aħjar metodi biex wieħed igħallem it-tfal, numru ta' suġġetti, bħal-lingwi, matematika, xjenza, kif ukoll *woodwork* u *sports*. Ftit ftit il-kwalifiki biex tibda l-kors għolew u l-istudenti kienu jħejju ruħhom anke għat-tagħlim fl-iskejjel sekondarji. Mhux kulħadd jaf li l-istudenti kollha kienu jagħmlu ħames ġimgħat fis-sena *teaching practice* fl-iskejjel fejn il-*lecturers* kienu jżuruhom biex jaraw kif sejrin, fiex jibbrillaw u fiex kien jeħtiġilhom jirranġaw.

Kien jixraq kieku semmejt aktar nies li ħadmu u ħolqu ambjent u l-ispirtu ta' *St Michael's*, kemm staff u kemm studenti. Imma l-ispazju rażżanni. J'Alla tibqa' tidwi l-għajta tal-arkanġlu *Quis ut Deus* – Min hu bħall-Mulej? – li kull student kien iġib fuqu u fuq l-arma tal-kulleġġ.



***Ir-ritratt kbir li qed jidher f'dawn iż-żewġ paġni juri kemm kien għad hemm għelieqi madwar il-binja l-ġdida tal-kulleġġ. La kien jeżisti l-bini ta' Ta' Giorni u lanqas tal-Village.***

***Kienet teżisti relazzjoni tajba ħafna bejn il-Brothers u l-Kappillan ta' San Ġiljan ta' dak iż-żmien, Dun Guido Calleja. Ara l-paġna li jmiss.***





**Il-kitba li hemm fuq il-parċmina li tqiegħdet taħt l-ewwel ġebla tal-bini tal-Kulleġġ ta' *St Michael's***

*This foundation stone of St. Michael's Training College for Men Teachers, a College destined to train teachers for the schools of the Malta Government, was blessed by His Grace, the Most Rev. Mgr. Michael Gonzi D.D., K. B. E., Archbishop of Malta, and laid by His Excellency Sir Gerald H. Creasy, K.C.M.G., Governor of Malta on Dec. 9th, 1953 in the presence of a large concourse of Civil and Religious Dignitaries, in the fifteenth year of the Pontificate of Our Holy Father Pope Pius XII, the second year of the reign of Her Majesty Queen Elizabeth II; the Hon. Dr. G. Borg Olivier being Prime Minister of Malta, the Hon. Dr. C. Schembri, Minister of Education, the Very Rev. Brother Lawrence O'Toole, Assistant General of the De La Salle Brothers; the Very Rev. Bro. Simon, Provincial of the London Province of the De La Salle Brothers, Mr. C. Micallef being Director of Public Works; Mr J. P. Vassallo, Director of Education and Rev. Brother Leo Barrington Principal of St Michael's College. The Architect was Mr John Spiteri.*



Il-Provinċjal tal-Brothers, Rev. Bro. Simon flimkien mal-E.T. Mons. Michael Gonzi, Arċisqof ta' Malta, Is-Sur J. P. Vassallo, Direttur tal-Edukazzjoni u Bro. Leo, il-Prinċipal.

X'SIBNA FL-ARKIVJU TAGĦNA:

"KAMPANJA B'RISQ IL-KNISJA L-ĠDIDA TA' SAN ĠILJAN MILL-ISTUDENTI TAS-S.M.T.C."

(*Il-Berqa*, Frar 1965)

L-istudenti tas-*St Michael's Training College* qed jorganizzaw kampanja għall-karita' b'risq il-knisja parrokkjali ġdida ta' San Ġiljan.

Is-Sur Arthur Napier, President tal-Kunsill tal-Istudenti, ilbieraħ qal f'konferenza stampa li saret fil-post tal-*Malta Union of Teachers*, il-Belt, li l-għan ta' din il-kampanja tal-karita' hu li jinġabru elf lira permezz ta' serje t'attivitajiet li qed jorganizzaw. Il-kampanja li hi taħt il-patrunaġġ tal-Ministru tal-Edukazzjoni, Dr A. Paris u d-Direttur tal-Edukazzjoni l-Kav. J. P. Vassallo, inbdiet fid-29 ta' Jannar b'ballu.

Din il-kampanja, qal is-Sur Napier, qed issir għal tliet raġunijiet. L-ewwel waħda hi dik li l-knisja parrokkjali l-qadima kienet inbniet meta San Ġiljan ma kienx għajr post għall-villeġġjatura tas-sajf u għalhekk issa hija żgħira ħafna għall-popolazzjoni li qed dejjem tikber f'dan il-post. Ir-raġunijiet l-oħra huma li l-istudenti fil-kulleġġ jaqgħu f'din il-parroċċa u ukoll għaliex il-Kappillan ta' San Ġiljan, Dun Guido Calleja dejjem kien ta' għajnuna għalihom.

Is-Sur Anthony Preca, il-*Publicity Officer*, qal li s-somma ta' elf lira għandha tingħata lill-kappillan biex tinxtara l-*Via Sagra*. Il-knisja parrokkjali ġdida qed tinbena fuq stil ta' arkitettura moderna u b'kollox se tqum mal-35,000 lira.

Skond is-Sur Napier, l-istudenti mhux neċessarjament se jiġbru l-elf lira mill-attivitajiet li qed jorganizzaw, iżda bi ħsiebhom ikomplu din il-kampanja sakemm ikunu ġabru s-somma kollha. U l-istudenti qed jittamaw li s-somma kollha tilħaq tinġabar sa tmiem is-sena skolastika. S'issa għadhom ġabru biss 60 lira.

L-attivitajiet li bi ħsiebhom iwettqu l-istudenti għal din il-kampanja huma: għawma fuq il-post, nhar il-Ħadd fl-10.30am; nhar it-Tnejn isir ġbir bieb bieb f'San Ġiljan; fl-14 ta' Frar fis-6pm tombla fis-*St. Michael's Hall*; fis-17 ta' Frar fis-2.30pm logħba *football*; fit-22, 23 u 24 ta' Frar konkors għall-gruppi tal-kitarra fit-Teatru tal-Universita', il-Belt u fl-1 ta' Marzu tiġi mtella' lotterija ta' 15-il lira.


FRAR '65 IL-BERQA

KAMPANJA B'RISQ IL-KNISJA L-ĠDIDA TA' SAN ĠILJAN MILL-ISTUDENTI TAS-S.M.T.C.

Mir-Reporter Tagħna